# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis hamsa (5) ta' Lulju 2018**

**Rikors Numru 53/15 FDP**

**Onorevoli A.I.C Anthony Bezzina**
**(ID 486069M)**

**vs**

**Onorevoli Prim Ministru**
**Dr Joseph Muscat**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-13 ta' Frar 2015 fejn ir-rikorrent talab is-segwenti:

> *Thallas lill-attur dik is-somma li tigi stabbilita minn dina I-Onorabbli Qorti a tenur ta' Artikolu 28, 29 u ta' I-Artikolu 24A ta' l-Att Dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta), u dana prevja dikjarazzjonijet maghmula nhar il-Hadd 8 ta' Frar 2015, f'diskors pubbliku gewwa I-Kazin tal-Partit Laburista fiz-Zurrieq u r-rapportata f'diversi mezzi tax-xandir, maghmula mill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Joseph Muscat, liema diskors pubbliku jikkontjeni dikjarazzjonijiet pubblici fil-konfront ta' l-attur, liema dikjarazzjoniet kienu foloz u malafamanti fil- konfront ta I-istess attur b'mod illi attribwewlu fatti bl-iskop illi joffendi l-unur, ir-reputazzjoni u l-fama tieghu, u li esponih ghar-ridikolu u ghad-disprezz pubbliku, u dan senjatament ghal dawk il-partijiet fejn jinghad (a) "...imma aghar minn hekk johrog issa minn inkjesta ( ommissis -), li johrog li dan il-Perit Bezzina gieghel lil haddiema tal-Gvern jiffirmaw dikkjarazzjoni falza, biex jghidu, biex jichdu s-sewwa maghruf..." u (b) "Persuna li inkjesta hareg li hedded haddiema biex jaghmlu dikjarazzjoni falza,," (Kopja tat-transcript hija hawn annessa, ezebtta u mmarkata bhala Dok. AB 1)*

Rat l-estratt mid-diskors ta' l-intimat ippresentat mir-rikorrent, fejn huwa rrappurtat illi l-intimat qal li gej:

*“ <u>...hemm</u> hafna responsabilita' x'tintrefa. Jien ghidt illi ha jkun hemm numru ta’ kazijiet u l-kazijiet bdew ifeggu....”*

*"Ghandna kaz iehor naqra l isfel minn din it-triq, fejn minn kien President tal-Kumitat taz-Zurrieq tal-Partit Nazzjonalista, illum Membru Parlamentari, il-Perit Bezzina, kien baghat il-haddiema tal-Gvern jirrangaw il-kazin tal-Partit Nazzjonalista, imma aghar minn hekk* ***johrog issa minn inkjesta*** *li ma gietx ippubblikata, li kienu jafu biha, kien jaf biha Simon Busittil minn qabel I-Elezzjoni u xorta halla lil Perit Bezzina johrog ghall-elezzjoni mal-Partit Nazzjonalista,* ***li johrog li dan il-Perit Bezzina gieghel lil haddiema tal-Gvern jiffirmaw dikjarazzjoni falza, biex jghidu, biex jichdu is-sewwa maghruf*** *u jghidu fl istess inkjesta li bezghu, ma jiffirmawx, li bezghu li jekk ma jiffirmawx jigrilhom xi haga. U dan il-persuna ghadu jinghata I-inkarigi minn naha tal-Kap ta' l Opposizzjoni, u l-Kap ta' l-Opposizzjoni nghidlu, ghandu l-ewwel zewg tests facli hafna, x'ha jaghmel issa il-Kap ta' l-Opposizzjoni? ghax it-testijiet tat-tmexxija dawn huma, dawn huma l-veru affarijiet u mhux li tghid fuq affarijiiet forsi iktar semplici, fuq affarijiet forsi ferm izghar, dawn huma l-mistoqsijiet il-kbar. X'ha jaghmel fuq zewg kazijiet dashekk cari?;* ***persuna li Inkjesta hareg li hedded haddiema biex jaghmlu dikjarazzjoni falza*** *u persuna ohra illi waqqaf mill jiettiehdu passi ta' dixxipplina kontra suldati illi qed, jew nies minn qasam tad detenzjoni illi kienu qed jigu nvestigati jew imdahhlin, jew li qed jigu msemmija fkaz ta' qtil ta' immigrant illegali? Dawn huma it-testijiet il-kbar. Fadallu hafna jwiegeb u xi jhallas il-Kap tal-Opposizzjoni u ahna nibgghu meta anka meta nigu kkritikati, ahna nkomplu nharsu ‘l quddiem b'ottimizmu, b'ottimizmu anka meta naraw l-affarijiet kif qeghdin jigru madwarna. Ahna ‘l Qorti nirrispettawha nirrispettaw kwalunkwe decizjoni li tkun qed tiehu, izda irridu u huwa d-dover taghna li niddefendu ir-rieda tal-poplu Malti u Ghawdxi. Jien ma rridx indum hafna nitkellem dwar dan is-suggett tas-siggijiet, ghax fl-ahhar mill-ahhar ir-rizultat t’elezzjoni generali ma jhassru assolutament hadd..."* (sottolinjar tar-rikorrent)

Rat ir-risposta ta’ Dr Joseph Muscat ppresentat fid 27 ta’ February 2015 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

1. *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt*

2. *Illi f’kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, d-diskors indikat mill-attu mhuwiex libelluz fit-termini tal-Ligi*

3. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, id-diskors li ghamel l-eccipjent jikkonsisti f’espressjoni ta’ opinjoni u apprezzament jew value judgment u huwa fair comment fuq materja ta’ interess pubbliku fuq fatti sostanzjalment veri ammissibbli kemm taht il-Ligi ta’ l-Istampa kemm taht il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.*

Rat l-affidavit tar-rikorrent **il-Perit Anthony Bezzina** ippresentat fl-4 ta’ Mejju 2015.

Rat ir-‘***Rapport ta’ Investigazzjoni ta’ Rappurtagg li deher fuq il-gurnal Kulhadd tat-22 ta’ April 2012 li allega lil-Perit Anthony Bezzina uza haddiema tal-Gvern biex isir xoghol fil-Kazin Nazzjonalista ta-Zurrieq ftit qabel l-Elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali fl-10 ta’ Marzu 2012***’ ga esebti fl-atti tal-kawza 206/12 u mitluba mir-rikorrent biex jigu inseriti fil-process. (fol 18)

Semghet x-xhieda ta' **Joseph Callus** prodott mir-rikorrent u moghtija fis 16 ta' Novembru 2015 u fis 17 ta' Marzu 2016 rat id-dokumentazzjoni identika minnu esebita fiz-zewgt istanzi.

Semghet x-xhieda ta' **David Bonello** prodott mir-rikorrent u moghtija fit 3 ta' Gunju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata, precizament in-Notification Form tal-hinijet tax-xoghol tal-haddiema tar-Rapid Intervention Unit tal-Cleansing & Maintenance Department, partikolarment ta' Mario Bugeja (fol 64), Charles Curmi u Paul Inguanez (fol 65) fis 6 u 7 ta' Marzu 2012.

Rat illi fit 3 ta' Gunju 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet x-xhieda ta' **John Borg**, prodott mir-rikorrent, gia Direttur People Management and Support Services fil-Ministeru ta' Rizorsi u Affarjiet Rurali w illum Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex, moghtija fl-14 ta' Novembru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata, ossija kopja tar-Rapport gia fuq imsemmi kif ukoll tal-Addendum tieghu anness ma' l-istesss rapport u datat 7 ta' Mejju 2012 (fol 85)

Semghet ix-xhieda tal-Perit Anthony Bezzina moghtija in kontro ezami fit 2 ta' Frar 2017 u fil 25 ta' Settembru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Mario Bugeja** prodott mill-intimat u moghtija fis 26 ta' Ottubru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Charles Curmi** prodott mill-intimat u moghtija fit 30 ta' Novembru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Paul Inguanez** prodott mill-intimat u moghtija fit 30 ta' Novembru 2017.

Rat illi fit 30 ta' Novembru 2017 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet il-kontro ezami ta' John Borg illi saret fid-29 ta' Jannar 2018.

Rat illi fit 22 ta' Marzu 2018 il-partijiet qabblu illi l-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet u r-rikorrent talab illi jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensur tar-rikorrent ippresentata fis-26 ta' April 2018.

Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensur ta' l-intimat moghtija fl-4 ta' Gunju 2018.

Rat illi fl-4 ta' Gunju 2018 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi r-rikorrent huwa Perit u huwa impjegat fil-Ministeru dak fis-sena 2012 kien imsejjah Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarjiet Rurali, maghruf ukoll bhala 'Public Works Department' u f'Marzu tas-sena 2012, ir-rikorrent kien ukoll il-Kap tar-Rapid Intervention Unit fi hdan l-istess Dipartment.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent kien kandidat ghall-Elezzjoni Generali tas-sena 2013, f'liema elezzjoni huwa gie sussegwentement elett bhala Membru tal-Parlament, u f'Marzu 2012, huwa kien il-President tal-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista fiz-Zurrieq.

Jirrizulta illi r-rikorrent, bhala President tal-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista taz-Zurrieq, kellu jiehu hsieb il-Kazin tal-Partit Nazzjonalista li kien hemm fiz-Zurrieq, liema kazin kellu bzonn tibjida f'uhud mill-kmamar.

Jirrizulta, di fatti, illi hekk kif il-Perit Bezzina kien jaf illi kellhom isiru xoghlijiet fil-propjeta privata ossija il-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq, f'Marzu 2012, ftit jiem qabel l-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, huwa talab lill-foreman tad-Dipartiment tieghu, Joseph Borda, sabiex isiblu xi haddiema li hemm fid-Dipartiment li jkunu lesti sabiex, wara il-hin tax-xoghol, imorru jbajjdu il-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq.

Jirrizulta illi Joseph Borda sussegwentement qallu illi sab tlett persuni u ghalhekk il-Perit Bezzina ghamel l-arrangament necessarji sabiex dawna l-impjegati jmorru jaghmlu x-xoghlijiet mehtiega.

Jirrizulta illi l-haddiema marru jaghmlu x-xoghol, u uzaw materjal provdut minnu, u meta eventwalment staqsa lill Joseph Borda kemm kellu jaghti lill-haddiema ta' xogholhom, Borda qallu illi l-impjegati ma riedux jithallsu tax-xoghol illi ghamlu.

Jirrizulta illi sussegwentement, il-gazzetta Kullhadd harget storja dwar dawna x-xoghlijiet u li dawna dawna saru waqt il-hin tax-xoghol, u ntalab sabiex jaghti spjegazzjoni ta' dana kollu mis-superjuri tieghu.

Jirrizulta ghalhekk illi ir-rikorrent ghajjat lit-tlett haddiema fl-ufficcju tieghu sabiex jaghmlu dikjarazzjoni fejn jikkonfermaw illi huma ghamlu x-xoghol gewwa il-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq wara il-hin tax-xoghol.

Jirrizulta illi sussegwetement saret inkjesta fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarjiet Rurali.

Jirrizulta dawna l-fatti kif fuq deskritti huma bbazati fuq dak li stqarr ir-rikorrent fl-affidavit tieghu stess.

Jirrizulta illi t-tlett haddiema illi marru jaghmlu x-xoghol fil-Kazin tal-Partit Nazzjonalista fiz-Zurrieq kient Charles Curmi, Mario Bugeja u Paul Inguanez.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mix-xhieda ta' Charles Curmi, wiehed mit-tlett haddiema illi gew mitluba jmorru jaghmlu x-xoghol gewwa il-Kazin Nazzjonalista ta' Zurrieq, illi waqt illi huwa kien fuq il-lant tax-xoghol gewwa Ta' Xbiex, gie fuqu Joseph Borda u gharrfu illi wara nofsinhar Curmi kellu jiehu zewgt haddiema mieghu gewwa Zurrieq biex jaghmlu bicca xoghol "*ghal Perit*", u ma kellhomx imorru hemm bil-vann tax-xoghol.

Jirrizulta illi Borda qallu li, hekk kif jaslu vicin taz-Zurrieq, Curmi kellu jcempillu u jghidlu fejn imur.

Jirrizulta illi wara nofsinhar, Charles Curmi ha zewgt persuni ohra mieghu u wara illi tkellem ma' Borda, dana tah id-direzzjonjiet mehtiega u saru jafu illi x-xoghol kellu jsir gewwa il-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq.

Jirrizulta illi x-xoghol rikjest dam ghaddej, skond Curmi, tlett ijiem, liema xoghol dejjem sar wara nofsinhar.

Jirrizulta, skond Curmi, illi sussegwentement, meta l-istorja saret pubblika, huwa intlab minn Borda sabiex jiffirma karta, liema karta Curmi jishaq huwa ma kienx qed jaqbel mal-kontenut tieghu, peress illi kien qieghed jinghad illi huma marru minn rajhom jaghmlu x-xoghol gewwa l-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq u Curmi kien qed jinsisti illi huwa mar hemm ghax qallu Borda biex imur hemm, izda eventwalment Bord gieghlu jiffirma d-dokument.

Jirrizulta wkoll illi Borda beda jassikura lill-Curmi li ma kellux jinkwieta fuq dana d-dokument. Madanakollu, darba minnhom, waqt il-hin tax-xoghol, Borda ha lill-Curmi ghand Nutar gewwa l-Belt sabiex jahlef il-kontenut tal-affidavit bil-gurament

Jirrizulta illi fix-xhieda tieghu moghtija fit 30 ta' Novembru 2017, Curmi xehed kif gej dwar kif iffirma d-dokument: (fol 197-198)

***Dr Pawlu Lia:***
*U x'qalulek?*

***Ix-Xhud:***
*Qaluli gieghlna niffirmaw karta li bhal speci li ahna morna. Ghidtlu x'igifieri ahna? Ahna ma morniex ahna, minn jeddna hu. Ghax hekk ried igibha Borda, li ahna qbadna u morna minn jeddna. Ara jien hux se mmur iz-Zurrieq naghmel dawk l-affarijiet.*

***Dr Pawlu Lia:***
*Igifieri ma mortx minn jeddek inti?*

***Ix-Xhud:***
*Le zgur li le.*

Charles Curmi aktar 'l quddiem ikompli jghid is-segwenti dwar il-gurament minnu mehud: (fol 201)

***Dr Pawlu Lia:***
*Ma qallekx bus is-salib.*

***Ix-Xhud:***
*Le ghax kieku qalli bil-gurament zgur ma kontx niffirmaha. Ghidtlu ghax jien mhux se niehu gurament falz.*

***Dr Pawlu Lia:***
*Ghaliex falz?*

***Ix-Xhud:***
*Ghax hekk hassejt li din xi haga falza.*

***Dr Pawlu Lia:***
*X'kien hemm falz?*

***Ix-Xhud:***
*Li jghidlek bhal speci mort minn jeddek. Mort minn jeddi x'igifieri? Mela jien nitlaq minn fuq ix-xoghol, naqbad u nitlaq?*

Finalment, dwar kif gew iffirmati dawn id-dokumenti, huwa jghid is-segwenti: (fol 205)

***Dr Pawlu Lia:***
*Mela ghidilna. Ara issa, ftakart. Igifieri mort fl-ufficcju tal-perit Bezzina,kontu tlieta, u kif giet li ffirmajtu? Ktibtuha intom? Ghidtulhom intom?*

***Ix-Xhud:***
*Le. Le. Le. Huma. Qalulna ghamilna karta, qalulna issa intom kemm tiffirmawha.*

***Dr Pawlu Lia:***
*U mhijiex il-verita' allura din hux? Jew il-verita'? Ghidli inti.*
***Ix-Xhud:***
*Le ahna ma morniex...*
***Dr Pawlu Lia:***
*Din mhix bil-gurament issa.*
***Ix-Xhud:***
*Le le ahna ma morniex minn jeddna.*
***Dr Pawlu Lia:***
*Igifieri iffirmajtu xi haga li mhux veru.*
***Ix-Xhud:***
*Daqshekk ehe.*
***Dr Pawlu Lia:***
*U ghaliex iffirmajtha la me kenitx il-verita'?*
***Ix-Xhud:***
*U ghax jghidilna iffirmawha, iffirmawha...*
***Dr Pawlu Lia:***
*Mela la ffirmajtu din, ghaliex mort ghand in-nutar ergajt biex tiffirma ohra?*
***Ix-Xhud:***
*Ghax qalli ma kentix tajba.*
***Dr Pawlu Lia:***
*Kont taf li sejjer taghmel wahda bil-gurament?*
***Ix-Xhud:***
*Le. Le. Le.*
***Dr Pawlu Lia:***
*Ma qalulekx?*

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi Mario Bugeja, wiehed mit-tlett haddiema fuq imsemmija, jistqarr illi Joseph Borda kien gie fuq il-lant tax-xoghol u qal lill Charles Curmi u lilu, flimkien ma' Paul Inguanez, iltaqa' mat-tlett impjegati u hadhom il-Kazin Nazjonalista u x-xoghol kollu sar waqt il-hinijiet tax-xoghol, peress illi t-tlett haddiema ikkonfermaw illi meta marru x-xoghol kien ghadu il-hin tax-xitwa, fejn jispiccaw fil hamsa u kwart ta' filghaxija.

Mario Bugeja, fix-xhieda tieghu moghtija fis 26 ta' Ottubru 2017, di fatti, mistoqsi dwar hlas, jghid is-segwenti: (fol 183-184)

***Dr Pawlu Lia :***
*U xi thallastu? Xi thallastu?*
***Xhud :***
*Xejn.*
***Dr Pawlu Lia :***
*Eh ma ftehmtux fuq hlas?*
***Xhud :***
*Ahna kinna fuq xoghol tal-gvern, ha tiehu l-flus? Ahna xoghol tal-Gvern kien.*
***Dr Pawlu Lia :***
*Erga' ghidha din.*
***Xhud :***
*Ahna tal-gvern konna haddiema.*

***Dr Pawlu Lia :***
*Xoghol tal-gvern kien?*
***Xhud :***
*Eh?*
***Dr Pawlu Lia :***
*Xoghol tal-gvern ghidtilna?*
***Xhud :***
*L-imghallem tal-gvern... ahna tal-gvern konna eh... ahna minn fuq ix-xoghol baghtna.*
***Dr Pawlu Lia :***
*Igifieri inti b'xoghol mort tal-gvern?*
***Xhud :***
*U jerga' dak xoghli plaster. Ma stajtx nirrijuta li mmur. Jien plaster. Ma stajtx nghidlu hawn ma rridx immur. Trid tmur bilfors ghax jien dejjem nubdi mis-superjur tieghi hu.*

Jirrizulta illi Paul Inguanez ikkonferma illi Joseph Borda hadu ghand nutar, in-Nutar Joseph Darmanin, u dana lestilu affidavit, esebit bhala Dok B mar-rapport tal-Inkjesta, illi kien jghid hekk:

*"Jiena, Paul Inguanez ..... niddikjara u nikkonferma bil-gurament illi ix-xoghol ta' tibjid minnu maghmul fil-kamra tal-bejn tal-Kazin tal-Partit Nazzjonalista taz-Zurrieq, kien gie minnu maghmul minn jheddi, minghajr hadd ma gieghlni, b'mod volontarju u minghajr hlas u t-tibjid sar kollu wara il-hin tax-xoghol"*

Jirrizulta illi Paul Inguanez kien qieghed jibza jiffirma tali dokument, anke ghand in-Nutar Darmanin, illi koincidentalment huwa l-istess Nutar illi halef l-affidavit tar-rikorrent, izda eventwalment fuq insistenza ta' Joseph Borda, huwa iffirma l-istess.

Jirrizulta illi fix-xhieda tieghu moghtija fit 30 ta' Novembru 2017, Paul Inguanez kellu dan xi jghid dwar il-kontenut tal-affidavit: (fol 215)

***Ix-Xhud:***
*Jien kont imgieghel niffirmaha dik. Is-Sur Borda beda jghidli din mhi xejn. Din mhi xejn.*
***Dr Pawlu Lia:***
*Dak li qrajtlek il-verita'?*
***Ix-Xhud:***
*Iva. Imma mhux minn jheddi mort hemm.*
***Dr Pawlu Lia:***
*Mhux minn jheddek mort hemm? Ghaliex mhux min jheddek?*
***Ix-Xhud:***
*Ghax baghtuni hemm mort.*
***Dr Pawlu Lia:***
*Ghax baghtuk mort. U kont taf li mhux xoghol tal-Gvern?*

Jirrizulta illi fix-xhieda tieghu Mario Bugeja ikkonferma tal-pressjoni da' parte tar-rikorrent sabiex jiffirma l-affidavit mahluf u, mistoqsi qal dan li gej: (fol 179-180)

***Dr Pawlu Lia :***
*Il-Perit ma spjegalekx x'kontu sejrin taghmlu?*
***Xhud :***
*Qal imma... ghand in-nutar?*

***Dr Pawlu Lia :***
*Eh.*
***Xhud :***
*Le.*
***Dr Pawlu Lia :***
*Sempliciment hadkom...*
***Xhud :***
*Qalilna se mmorru s'hawn u daqshekk.*
***Dr Pawlu Lia :***
*U ffirmajt inti? Imma ghaliex iffirmajt?*
***Xhud :***
*Jien naf. Mhux kif igieghluk.*
***Dr Pawlu Lia :***
*Ghaliex mela gieghlek?*
***Xhud :***
*Heqq mela le.*
***Dr Pawlu Lia :***
*Ghaliex gieghlek?*
***Xhud :***
*Jien naf. Mela jien naf.*
***Dr Pawlu Lia :***
*Imma qallek xi haga biex gieghlek?*
***Xhud :***
*Le le le. Qalli iffirma hawn biss.*
***Dr Pawlu Lia :***
*Allura ghaliex hassejt li kien qed igieghlek?*
***Xhud :***
*Qalli ffirma.*
***Dr Pawlu Lia :***
*Ghaliex hassejt li qed igieghelek?*
***Xhud :***
*Fejn rajt hemm, tfixkilt naqra jien.*

Jirrizulta illi Mario Bugeja jghid l-istess ukoll dwar l-ewwel dokument illi kien redatt mir-rikorrent stess, u l-biza li kellu u di fatti jghid is-segwenti: (fol 172-173)

***Dr Pawlu Lia :***
*Sewwa. Imbaghad meta wasaltu Beltissebh?*
***Xhud :***
*Qaghad ikellimna dak, u beda jaghmel il-karti, u qalli iffirma hawn.*
***Il-Qorti :***
*Mela dan min hu. Igifieri min kien qed jaghmel il-karti.*
***Xhud :***
*Borda. Mhux Borda sorry... Bezzina*
***Il-Qorti :***
*Bezzina.*
***Dr Pawlu Lia :***
*Igifieri Bezzina kellmek?*
***Xhud :***
*U zgur Bezzina.*
***Dr Pawlu Lia :***
*U Bezzina qallek biex tiffirma?*

***Xhud :***
*U ffirmajt eh.*
***Dr Pawlu Lia :***
*U spjegalek x'kellek tiffirma?*
***Xhud :***
*Qalli din mhi xejn. Hekk biss. Kien qalli xi huga imma nsejt x'kienet.*
***Dr Pawlu Lia :***
*U inti hekk tiffirma?*
***Xhud :***
*U ffirmajt eh.*
***Dr Pawlu Lia :***
*U ghaliex iffirmajt? Ghaliex iffirmajt? Ghaliex iffirmajt?*
***Xhud :***
*B'dik il-biza' li kelli fuqi.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-kaz kollu gie kkunsidrat u deliberat fid-dettall anke mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarjiet Rurali, liema Ministeru, ordna inkjesta u minn tali inkjesta interna, irrizulta li x-xoghol illi sar fil-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq sar gimgha qabel l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u ghal dana ix-xoghol huma marru bil-karozza tal-kiri illi d-Dipartiment kien qieghed juza dak iz-zmien.

Jirrizulta wkoll illi t-tlett impjegati kienu mgharrfa illi huma kienu ser imorru jaghmlu bicca xoghol privata fuq talba tal-Perit, li kien ir-rikorrent, u li gew mitluba sabiex ibiddlu hwejjighom qabel ma jmorru hemm.

Jirrizulta illi, ftit wara li sar ix-xoghol, l-istorja dehret fil-gazzetta lokali, u t-tlett haddiema gew lkoll miltuba minn Borda sabiex imorru gewwa l-ufficju ta' r-rikorrent, il-Perit Bezzina, u hekk kif marru hemm, il-Perit Bezzina tahom ittra li t-tlieta li huma kellhom jiffirmaw.

Jirrizulta illi dana id-dokument, datat 23 ta' April 2012, kien jghid is-segwenti:

> *"Lil min tikkoncerna*
>
> *Ahna hawn taht iffirmati niddikjaraw illi x-xoghol ta' tibjid ta' kamra fuq il-bejn tal-Kazin tal-PN iz-Zurrieq ghamilnieh minn jheddnam wara il-hin twx-xoghol u b'mod volontarju."*

Jirrizulta illi dana d-dokument gie iffirmat konguntivament mit-tlett impjegati stess, ossija Charles Curmi, Paul Inguanez u Mario Bugeja

Jirrizulta illi fis-26 ta' April 2012, it-tlett haddiema sussegwentement ittiehdu ghand in-Nutar Joseph Darmanin, fejn skond ir-rapport tal-Inkjesta, kien presenti wkoll l-istess Perit rikorrent, illi lkoll iffirmaw affidavit identitku, kif fuq gia deskritt, izda din id-darba separatament.

Jirrizulta, madanakollu, illi sussegwentement, Paul Inguanez u Mario Bugeja, regghu ghamlu affidavit iehor, din id-darba minn rajhom, fejn cahdu il-kontenut tal-affidavit mahluf quddiem in-Nutar Joseph Darmanin, u sahqu illi huma kien marru jahdmu fejn kien ordnalu jmur Joseph Borda u ma marrux hemm volontarjament

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi skond ir-rapport tal-Inkjesta, x-xoghol sar wara il-hin tax-xoghol tal-impjegati, peress illi kkonkludiet illi dawna l-haddiema kienu jaghmlu xoghol imsejjah 'bl-imqieta' u l-hinijet tax-xoghol taghhom huwa bejn is 7 ta filghodu u is-1.30 ta' wara nofsinhar.

Jirrizulta illi l-hinijiet tax-xoghol taghhom gie kkongfermat ukoll minn David Bonello, Director fid-Dipartiment People Management fi hdan il-Ministeru fejn jahdmu t-tlett haddiema, fejn jirrizulta illi t-tlett haddiema, dakinhar, kienu qed jahdmu bejn is 7.30 u is-13.30pm

Jirrizulta, madanakollu, illi l-haddiema gew imgieghla jiffirmaw dokument, kemm quddiem ir-rikorrent, kif ukoll quddiem in-Nutar tar-rikorrenti, u ghal dan il-ghan ikun opportun illi tigi kkwotata silta tal-konkluzjonijet tar-rapport fejn kienet tirrigwarda ir-rikjesta maghmulha lill-Bord "*to investigate the allegation made by workers that they were ordered to sign a declaration by their superiors*"

Il-Bord, di fatti, ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Fir-rigward tad-dikjrazzjoni li giet iffirmata mit-tliet haddiema fl-ufficju tal-Perit Bezzina, il-Bord ihoss li fil-waqt li l-protagonisti superjuri, jigifieri Borda u l-Perit, taw kaz li jispjegaw lill-haddiema x'kien hemm miktub fid-dikjarazzjoni, minn naha taghhom, ix-xhieda tal-haddiema turi li huma hassewhom taht pressjoni biex jiffirmaw imbilli gew imqabbda jaghmlu hemm mis-superjuri taghhom. Mill-mod kif xehdu, u il-biza li wrew anke waqt ix-xhieda taghhom, jidher car lill-Bord li dawn il-haddiema jibzghu mis-Superjuri taghhom u allura huma hassewhom kostretti biex jiffirmaw id-dikjarazjoni. Ma jfissirx b'dan li s-superjuri taghhom kellhom xi intenzjoni li jbezzghuhom.*
>
> *Il-pressjoni minn naha tas-Sur Borda harget b'mod partikolari meta fil-kaz ta' wiehed mill-haddiema li dak inhar inzerta kellu l-funeral ta' ommu, li dan talbu sabiex ikun lest ha jitla jiffirma d-dikjarazzjoni ezatti wara l-funeral t'ommu - kif fil-fatt sar."*

Din il-Qorti thoss ukoll illi ghandha taghmel referenza ghall-osservazzjonijiet korreti u mirquma illi ghamlu l-membri tal-Bord fl-ahhar tar-rapport, fejn dawna ghamlu s-segwenti osservazzjonijiet:

1. *Il-Bord jidhirlu li fid-dawl tal-fatti li hargu mill-investigazzjoni, ghandu jkun muri bic-car lil haddiema kollha tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarjiet Rurali x'hinhuma l-hinijiet tax-xoghol normali meta jkun kaz ta' mqieta. Dan sabiex l-aspettattivi ta' kullhadd ikunu cari kristall*

2. *Il-Bord ihoss ukoll, bl-gherf tal-harsien b'lura, li haddiema tal-Ministeru m'ghandhomx jintalbu xoghol privat mill-istess superjuri taghhom, sabiex l-aspettattivi taz-zewgt nahat qatt ma jkunu f'kunflitt minhabba tahlit ta' rwoli u nuqqas ta' kjarezza li tista tirrizulta minn tali cirkustanza.*

3. *Il-Bord jirrikmanda sadanittant li haddiema vulnerabbli fi hdan il-Ministeru ghandhom jigu mharrga f'kif huma jistghu ikunu aktar assertivi fuq il-post tax-xoghll sabiex jigu evitati sitwazzjonijiet imbarazzanti ghaz-zewgt nahat (superjuri u subordinati)*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent, fix-xhieda tieghu, sahaq illi huwa hassu libellat mill-fatt illi l-intimat, waqt attivita' gewwa l-Kazin tal-Partit Laburista taz-Zurrieq, ossija ftit passi 'l boghod fejn kien sar ix-xoghol mit-tlett haddiema fuq imsemmija, allega illi l-intimat gieghel lill-haddiema jiffirmaw dikjarazzjoni falza u heddidhom.

Jirrizulta illi l-intimat, da parte tieghu, jqajjem bhala eccezzjoni dik tal-fair comment.

Ikun ghalhekk opportun illi dina l-Qorti tikkunsidra xi punti dwar id-difiza tal-fair comment. Id-difiza mqajjma mill-intimat fil-kawza odjerna kienet illi l-kummenti illi saru kienu '*fair comment*' fuq fatti sostanzjalment veri illi kienu ta' interess pubbliku u ghalhekk ma setghux jitqiesu bhala malafamanti.

Dwar tali difiza **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

> *… dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *… defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Finalment, dwar il-kuncett ta' '*value judgment*', il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, tghid is-segwenti:

> *... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

Jirrizulta car, ghalhekk, mill-gurisprudenza fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta' '*fair comment*' u '*value judgment*' tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

Dwar il-fatt li r-rikorrent huwa persuna pubblika, il-Qorti tosserva wkoll illi, dwar il-livel ta' kritika li politiku tista ssirlu, kif gie stabbilit fid-decizjoni tal-European Court of Human Rights fis-sentenza ***Ligens vs Austria***, u abbracjata mill-Qorti Maltin, intqal illi:-

> *More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Finalment, kif osservat dina l-Qorti, kif ppresjeduta, fil-kawza '**Jesmond Mugliette vs Alfred Sant**'

> *Din il-Qorti tirrileva wkoll illi wasal il-mument illi tali regola titwessa aktar fis-sens illi meta jkun hemm dibattitu politiku ghaddej bejn politici, tali livell ta' kritika ghadha interpretata f'livell aktar wiesgha minn dak ipprovdut hawn fuq, peress illi d-dibattitu politiku huwa l-pern ta' socjeta demokratika u, ghalhekk ghandha tigi protetta u stimulata minn dina l-Qorti u mhux imxekkla fl-operat taghha.*

**Ikkunsidrat**

Minn provi migbura quddiem dina l-Qorti, jirrizultaw is-segwenti fatti:

- F'Marzu 2012, ir-rikorrent il-Perit Anthony Bezzina kien il-Kap tar-Rapid Intervention Unit fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarjiet Rurali

- F'Marzu 2012, ir-rikorrent kien ukoll President tal-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista taz-Zurrieq.

- F'Marzu 2012, ftit jiem qabel l-Elezzjonjiet tal-Kunsilli Lokali, r-rikorrent kien talab lill Joseph Borda, Principal Technical Officer fi hdan id-Dipartiment tieghu, illi ghalhekk kien jaqa tahtu, sabiex isiblu tlett haddiema bie ximorru jaghmlu xoghol ta' tibjid gewwa il-Kazin tal-Partit Nazzjonalista.

- Joseph Borda, mexa fuq l-istruzzjonjiet tieghu u avvicina tlett persuni, ossija Charles Curmi, Paul Inguanez u Mario Bugeja waqt illi dawna kienu fuq il-lant tax-xoghol u qalilhom illi wara nofisnhar kellhom bicca xoghol gewwa z-Zurrieq.
- It-tlett impjegati, Charles Curmi, Paul Inguanez u Mario Bugeja, meta spiccaw fuq il-lant tax-xoghol taghhom gewwa Ta Xbiex, qabdu il-karozza illi kienu biha u marru z-Zurrieq sabiex jistennew lill Joseph Borda.

- Gewwa z-Zurrieq, Joseph Borda ltaqa' maghhom u hadhom gewwa il-Kazin Nazzjonalista fejn imbghad it-tlett impjegati qattghu jumejn jew tlieta jahdmu fil-post wara nofsinhar.

- Jiem wara li tlesta x-xoghol, l-istorja giet rrappurtata fuq il-media lokali.

- Ir-rikorrent il-Perit Anthony Bezzina u Joseph Borda sejjhu lit-tlett impjegati fl-ufficjju tal-Perit Bezzina u ghaddew dokument redatt ill-Perit Anthony Bezzina li eventwalment it-tlett haddiema gew mitluba jiffirmaw.

- Ir-rikorrent il-Perit Anthony Bezzina flimkien ma’ Joseph Borda, ftit jiem wara, ha lit-tlett haddiema waqt il-hin tax-xoghol, ghand in-Nutar Joseph Darmanin, l-istess Nutar illi ffirma l-affidavit tar-rikorrenti fil-kawza odjerna, fejn, fil-presenza ta' Joseph Borda u l-istess rikorrent, sarilhom affidavit iehor illi t-tlett haddiema gew mitluba sabiex jikkonfermaw bil-gurament.

- Jirrizulta illi t-tlett haddiema lkoll kemm huma ma riedux jiffirmaw dana l-affidavit izda eventwalment gew konvinti jaghmlu dan.

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrenti, illi wahda mill-affarjiet illi dwarha huwa jilmenta l-aktar kien illi kien qed jigi allegat li l-haddiema marru jahdmu gewwa il-Kazin tal-Partit Nazzjonalista waqt il-hin tax-xoghol.

Jirrizulta, di fatti, illi huwa jichad illi dana kien hekk u di fatti, anke fir-Rapport ta' Investigazzjoni, gie konkluz illi l-haddiema ittiehdu jahdmu gewwa l-Kazin tal-Partit Nazzjonalista wara il-hin tax-xoghol taghhom, ossija wara nofsinhar.

Jirrizulta, madanakollu, illi quddiem dina l-Qorti, t-tlett haddiema ikkonfermaw illi skond huma, l-hinijiet tax-xoghol taghhom kien, dak iz-zmien, sal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar, u ghalhekk huma kienu qiesu illi kienu qed jahdmu gewwa il-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq waqt il-hin tax-xoghol. L-istess ghamel Mario Bugeja fl-affidavit anness mar-rapport tal-Inkjesta.

Jirrizulta illi dana jmur kontra dak illi qieghed jishaq ir-rikorrenti.

Jirrizulta, madanakollu, illi anke il-Bord ta' l-Investigazzjoni osserva tali inkonsistenza u fl-osservazzjonjiet tieghu kkonkludew illi l-Awtoritajiet ghandhom jassikuraw illi l-haddiema li jahdmu bl-imqieta ikunu indikat b'mod car il-hinijiet illi fihom huma obbligata jahdmu, sabiex ikun car ghal kullhadd.

Jirrizulta, ghalhekk, illi huwa minnu illi l-haddiema hassew li marru jahdmu gewwa il-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq peress ill ghalihom huma kienu qed jaghmlu tali xoghol waqt il-hin tax-xoghol taghhom, kif del resto kkonfermaw quddiem dina l-Qorti.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, minn harsa lejn is-silta tad-diskors illi dwaru hassu malafamat ir-rikorrent, jirrizulta illi dak allegat kien sostanzjalment korrett.

Jirrizulta, di fatti, ippruvat illi r-rikorrent huwa Perit tal-Gvern u President tal-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq.

Jirrizulta ippruvat ukoll illi l-haddiema marru ghax-xoghol fil-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq sabiex jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni.

Jirrizulta ippruvat illi persuni illi jaqghu taht ir-responsabbilta' tar-rikorrenti intbghatu jaghmlu xoghol privat, u mhux talli hekk, talli intbghatu jaghmlu xoghol gewwa kazin ta' Partit politiku, ossija, f'dan il-kaz, il-Partit Nazzjonalista, li tieghu r-rikorrent kien responsabbli.

Jirrizulta wkoll illi kien hemm Inkjesta mill-Ministeru dwar dan il-kaz.

Jirrizulta wkoll illi t-tlett haddiema hassewhom imgieghla jiffirmaw kemm id-dokument quddiem ir-rikorrent kif ukoll l-affidavit illi sar quddiem in-Nutar tar-rikorrent, in-Nutar Darmanin.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, f'dan l-istadju, taghmel referenza ghal dak illi osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawza illi ghamel ir-rikorrent kontra l-editur tal-gurnal Orizzont, **Anthony Bezzina vs Josef Caruana**, Rikors Nru 206/12, fuq l-istess fatti tal-kaz, u li gie deciz mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Marzu 2017, fejn il-Qorti kellha dan xi tghid dwar kif attwalment graw l-affarjiet:

> *(a)L-attur baghat ghal dawn it-tlett haddiema u pprepara dikjarazzjoni u qalilhom sabiex jiffirmawha, u fil-fatt iffirmaw. Dikjarazzjoni li fiha d-data tat-23 ta' April, 2012. Sahansitra Mario Bugeja, li ma kienx xehed fil- kawza, qal lill-Bord ta' Investigazzjoni li kien proprju dakinhar tal-funeral ta' ommu li ntalab imur ghand il-perit Bezzina u ffirma d-dikjarazzjoni. Indizju iehor li kien hemm urgenza min-naha tal-attur li fl-iqsar zmien possibbli jkollu f'idu dikjarazzjoni ffirmata mill-haddiema li x-xoghol fil- kazin ghamluh minn jeddhom. Pero' d-dikjarazzjoni u l-affidavit, ghall- inqas f'parti minnhom, ma jirriflettux il-fatti kollha tal-kaz. It-tliet haddiema marru jahdmu fil-post ghaliex Borda, li kien is-superjur taghhom, qalilhom. Fil-fatt mid-deposizzjoni ta' Inguanez u Curmi jidher li kien biss kif waslu z- Zurrieq li saru jafu li x-xoghol kellu jsir fil-kazin taz-Zurrieq. Il-qorti tifhem ukoll li rrispettivament ta' x'verament kienet ir-rieda tal-haddiema, huma ghamlu dak li qalilhom Borda meqjus li kien is-superjur taghhom u fl-istess hin kienu jafu li x-xoghol kien ghall-attur, li kien ukoll superjur taghhom. F'dan ir-rigward il-qorti ssib ukoll element ta' sudditanza. Bla dubju dawn il-haddiema ma kellhomx jitqieghdu f'din il-posizzjoni. F'dan il-kuntest il- Bord tal-Investigazzjoni qal ukoll:*
>
> > *"2. Il-Bord ihoss ukoll, bl-gherf tal-harsien b'lura, li haddiema tal-Ministeru m'ghandhomx jintalbu xoghol privat mill-istess superjuri taghhom, sabiex l-aspettativi taz-zewg nahat qatt ma jkunu f'kunflitt minhabba tahlit ta' rwoli u nuqqas ta' kjarezza li tista' tirrizulta minn tali cirkostanzi".*
>
> *L-istess gara meta ghamlu dikjarazzjoni u wara l-affidavit fejn jidher li l- haddiema baxxew rashom ghar-rieda tas-superjuri taghhom. Fatt li dwaru sar accenn ukoll mill-Bord ta' Investigazzjoni f'pagna tmienja tar-rapport. Filwaqt li l-haddiema marru*

> *jahdmu fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista ghaliex Joseph Borda hekk qalilhom jaghmlu, spiccaw sabu ruhhom fis-sitwazzjoni fejn kellhom jaghmlu dikjarazzjoni u wara affidavit.*
>
> *(b) Wara hadhom ghand in-nutar Dr Joseph Darmanin, li l-qorti fehmet li kien intghazel mill-istess attur, sabiex jaghmlu affidavit fejn ikkonfermaw dak li qalu fid-dikjarazzjoni. Dan waqt il-hin tax-xoghol u sahansitra Charles Curmi qal li marru, "(....) b'karozza tal-kiri kif nafuha ahna 'impressed' jigifieri karozza mikrija lill-gvern ghas-servizz tal-Public Works" (fol. 61). Tliet haddiema li sabu ruhhom f'din il-konfuzjoni kollha bla bzonn.*

Il-Qorti tosserva wkoll f'kawza identitka, **Anthony Bezzina vs Dr Toni Abela**, dak iz-zmien editur tal-gurnal il-Kullhadd, fuq l-istess meritu ezatt, u deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta'Marzu 2017, Rik Nru 207/12, il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tghid dwar l-agir tar-rikorrent:

> *Il-qorti ssib ukoll li rrispettivament jekk ix-xoghol sarx waqt il-hin tax-xoghol jew wara, sarx bi hlas jew minghjar hlas, kien ghal kollox barra minn loku li l- attur jingagga mpjegati pubblici li jaqghu taht ir-responsabbilta tieghu sabiex jaghmlu xoghol fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista gewwa z-Zurrieq.*

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-intimat, kemm bhala Prim Ministru, u aktar u aktar bhala politiku, kellu d-dover illi jgib ghall-attenzjoni tal-pubbliku l-agir ta' persuna eletta sabiex jirrappresenta l-interessi tal-poplu w l-abbuz da parte tieghu tal-posizzjoni tieghu biex jimponi fuq haddiema kemm li jahdmu privatament b'xejn kif ukoll illi jiffirmaw, mhux dokment wiehed izda tnejn, fejn jichdu illi hadmu fil-hinjiet tax-xoghol.

Dak allegat mill-intimat gie kkonfermat quddiem dina l-Qorti mit-tlett haddiema illi marru jahdmu fil-Kazin tal-Partit Nazzjonalista taz-Zurrieq u ghalhekk, certament, l-intimat kien qieghed jibbaza l-kummenti tieghu fuq dak illi kienu qed jghidu dawna t-tlett haddiema u li kkonfermaw quddiem dina l-Qorti.

Ghalhekk ma jista jirrizulta xejn malafamanti fil-konfront tar-rikorrentiminn dak illi qal l-intimat dwaru.

## Konkluzjoni

Il-Qorti ghalhekk,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduriodjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur